IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 11-2020(26_03_2020)**

**26 ta' Marzu 2020**

Fid-dawl taċ-ċirkustanzi preżenti tal-Corona Virus (Covid-19), il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' *online* permezz ta' Microsoft Teams ® fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Damien Spiteri - Sindku
Is-Sa Carmela Parnis - Viċi Sindku
Is-Sur Mark Busuttil - Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi - Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sa Kimberly Spiteri - Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, is-Sur Damien Spiteri.

**11.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

11.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji għaliex kulħadd kien preżenti.

**11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

11.2.1 Il-Kunsill għadda għall-Minuti tal-laqgħat preċidenti numri 09-2020(24_02_2020) u 10-2020(04_03_2020) – Laqgħa b'urġenza li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B'hekk, wara dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

**11.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

11.3.1 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kienet saret maċ-*Chief of Staff* tal-Ministeru għal Għawdex fejn il-Kunsill kollu kien mistieden. Fost oħrajn ġie diskuss dwar Triq Munxar u dwar Ix-Xlendi ġie diskuss dwar: id-*dry standing area*, il-*Masterplan*, xogħol żgħir ta' tisbiħ u xogħol ta' tiswija, dwal, it-Torri, l-iskart, il-*cantilever* ta' Triq San Xmun u għajnuna għall-attivitajiet fis-sajf. Is-Sindku informa lill-Kunsill li kienet saret laqgħa fix-Xlendi mad-Direttur tar-Rural Gozo fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, li għaliha attenda flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv, rigward kamra maġenb id-*dry standing area* li bħalissa qed isir ftit użu minnha.

Il-Ministeru għal Għawdex qed jitlob lill-Kunsill sabiex jikkonċediha u tibda tintuża mid-Dipartiment tal-*Fisheries*. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jidħol f'diskussjonijiet mal-Ministeru għal Għawdex sabiex filwaqt li din il-kamra tkun tintuża mid-Dipartiment tal-*Fisheries*, l-*ownership* tibqa' tal-Kunsill. Il-Ministeru minn-naħa tiegħu jirranġaha u 'l quddiem anke jitla' sular ieħor. Imbagħad il-Kunsill ikun jista' jkollu uffiċċju amministrattiv fix-Xlendi. Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien irċieva lment dwar bankina fi Pjazza l-Anfori li dwarha l-Kunsill ser jiddiskuti aktar 'il quddiem fl-Ilmenti ta' dawn l-istess Minuti.

Is-Sindku rċieva wkoll talba għal *double yellow line* fuq kull naħa ta' garaxx fi Triq il-Ġostra u talba oħra għal *double yellow line* fi Triq il-Ġostra kantuniera ma' Triq iż-Żirżieb. Dawn ser jgħaddu lil Transport Malta.

Is-Sindku rċieva talba li f'wieħed miż-żewġ passaġġi għal ġol-għelieqi li hemm fi Triq San Pawl sfronda l-ħajt ta' taħt il-passaġġ għal ġol-għelieqi. Huwa ssuġġerixxa li tinġieb gwida mingħand il-perit kif ukoll tinġieb gwida mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali jekk ix-xogħlijiet jistgħux isiru.

Is-Sindku semma li l-Kunsill kien irċieva mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar li kien ser isir is-smigħ dwar il-permess tad-demmiela. Irċieva wkoll illi l-bord li kien instema' l-każ quddiemu ġie xolt u issa hemm bord ieħor b'membri differenti. Il-Kunsill qed jiġi mitlub jiddeċiedi jekk iridx jerġa' jinstema' l-każ quddiem il-bord il-ġdid jew jibqa' bil-każ li nstema' diġà fl-istadju ta' appell quddiem il-bord li kien hemm qabel u mmorru għas-sentenza. L-avukat ta parir li l-Kunsill jerġa' jsemma' l-każ. Il-Kunsill qabel li għandu joqgħod fuq il-parir tal-avukat.

Is-Sindku rċieva suġġeriment illi għandhom isiru tabelli għall-protezzjoni tal-qanfud fil-Wied tax-Xlendi u Triq Ras il-Bajjada biex ikun hemm aktar attenzjoni mis-sewwieqa. Kien hemm qbil unanimu li dawn it-tabelli jsiru.

Is-Sindku semma illi minħabba ċ-ċirkustanzi preżenti tal-Corona Virus (Covid-19) l-attivitajiet li l-Kunsill kellu pjanati għal Marzu u April 2020 ma setgħux isiru, fosthom: il-laqgħa pubblika u l-ħarġa għal Malta.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali nediet *platform YouSafeSOS* biex f'każ ta' *lockdown* u x-xogħol ikollu jsir kollu mid-dar, permezz ta' *YouSafeMunxar* il-Kunsill xorta jkun preżenti għan-nies u jagħtihom servizz.

Is-Sindku semma dwar il-proċess tal-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv ġdid. Din il-ġimgħa, proprju f'nofsinhar tal-24 ta' Marzu 2020, għalqu l-applikazzjonijiet u issa ser isiru l-intervisti lil dawk li applikaw.

### 11.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

11.4.1 Il-Viċi Sindku, is-Sa Carmela Parnis irċeviet talba sabiex isir *double yellow line* quddiem entratura fi Triq Ta' Rinota. Din ser tgħaddi lil Transport Malta. Irċeviet ukoll ilment dwar rampa li mhux livell mal-passaġġ, liema passaġġ jinsab fi Triq San Pawl. Fuq din ser tintalab gwida mill-perit tal-Kunsill u gwida mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali.
Is-Sa Parnis staqsiet dwar fiex wasal il-proġett tax-*shelter*. Is-Sindku fakkar li t-*tender* ma ngħatatx. Kienet saret spezzjoni mill-Water Services Corporation fejn ħareġ li ma hemmx periklu. Is-Sindku ssuġġerixxa li jiġi kkunsultat il-perit rigward materjal li għandu jintuża.

Is-Sinjura Juliet Attard staqsiet dwar it-traffiku kif ser jgħaddi minn Triq San Pawl qrib il-Pjazza skont il-proġett tal-Pjazza minħabba li kif inhu bħalissa, il-ħġieġa fil-bokka tax-*shelter* ser tkun perikoluża. Is-Sindku wieġeb li dwar it-traffiku għandha ssir konsultazzjoni mar-residenti u tinġieb konferma minn Transport Malta. Peress li mill-bokka tara t-taraġ biss, is-Sur Joseph Cauchi ssuġġerixxa li flok ħġieġa ssir kollha ħadid li jinfetaħ anke minħabba problemi ta' ċpar kaġun ta' ventilazzjoni ħażina u umdità. Is-Sindku semma illi jista' jkun li l-ispejjeż tal-ħġieġa jidħlu fil-*funding* mill-Ministeru għal Għawdex għall-proġett tal-Pjazza. Is-Sur Mark Busuttil staqsa jekk il-ħġieġa tistax issir f'post ieħor fejn ma jgħaddux ħafna vetturi, tkun tista' tara x-*shelter* u tkun mgħollija 'l fuq mill-art bil-possibbiltà ta' ventilazzjoni mill-ġnub. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu l-parir tal-perit.
Is-Sa Parnis staqsiet dwar dik il-bankina fi Triq il-Qsajjem li qed jitla' l-melħ. Is-Sindku infurmaha li t-talba għaddiet lill-Ministeru għal Għawdex.

11.4.2 Is-Sur Joseph Cauchi rċieva lment li hemm toqba fit-tarmak tat-triq fi Triq ir-Ranċiż kantuniera ma' Triq iż-Żirżieb (fl-*area* fejn jintefa' ż-żibel b'mod abbużiv) li minnha joħorġu l-ġrieden. Dwar il-ġrieden; dawn ilhom ħafna jiġu rrappurtati lit-Taqsima tas-Sanità sabiex jintefa' t-tosku filwaqt li dwar dik it-toqba; din ser tingħalaq. Is-Sur Cauchi staqsa dwar ilment dwar parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilità li ż-żebgħa tiegħu ma għadhiex tidher ċara fi Triq ir-Ranċiż. Dan ser jiġi diskuss aktar 'il quddiem fl-*item* tal-Ilmenti ta' dawn l-istess Minuti.

11.4.3 Is-Sur Mark Busuttil ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill illi fix-Xlendi filwaqt li hemm ħafna kwiet bħalissa, ix-xogħol relatat mal-*Masterplan* jinsab wieqaf u hija ħasra kif ma tteħditx din l-opportunità. Is-Sindku informa lill-Kunsill li kellu informazzjoni, mhux uffiċjali, li l-*front* ser jitranġa kollu inkluż il-pavimentar. Minħabba l-problema li qed jinqata' ħafna d-dawl, is-Sindku infurmah li jinsab f'kuntatt mal-Inġinier tal-Ministeru għal Għawdex u l-Enemalta. Il-problema tad-dawl hija waħda kbira u hemm bżonn li jinbidlu l-fanali bis-*supply* b'kollox f'diversi toroq/naħat. Is-Sur Busuttil issuġġerixxa li tinkiteb ittra lill-Ministeru għal Għawdex u ssir *pressure.* Is-Sindku infurmah li dawn it-talbiet ġew diskussi fil-laqgħa li l-Kunsill kellu maċ-*Chief of Staff.*
Rigward il-*Masterplan* tax-Xlendi wkoll, is-Sur Mark Busuttil ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li fix-Xlendi mhux qed tiġi indirizzata l-problema kbira ta' ħafna bini u tkabbir tal-popolazzjoni u l-problema tad-drenaġġ u *mains* tal-ilma fejn id-drenaġġ qed imur fil-baħar. Is-Sindku infurmah illi importanti li d-dawl u d-drenaġġ jiġu rranġati. Is-Sindku infurmah li skont informazzjoni li għandu, mhux uffiċjali, fi Triq il-Puniċi ma hemmx sistema tad-drenaġġ iżda hemm min qabbad mas-sistema u min le. Għandu informazzjoni, mhux uffiċjali, wkoll li l-pompa tad-drenaġġ mhix tlaħħaq u għaldaqstant imur kollox għal taħt l-art u jċarċar għal dik l-*area* fi Triq San Xmun. Is-soluzzjoni hija li tinqala' Triq San Xmun, isir il-*cantilever,* jitranġa dak il-ħajt li ttiekel bil-melħ u titranġa Triq il-Puniċi. Il-Kunsill għandu jiġbor l-informazzjoni u jħejji pjan tajjeb ħalli jitressaq, waqt laqgħa, għand il-Ministeru għal Għawdex u anke għand l-inġinier tal-Water Services Corporation. F'din il-laqgħa mal-Ministeru għal Għawdex jiġi diskuss dwar proġetti *long-term*. Is-Sur Busuttil issuġġerixxa, u l-Kunsill qabel, li ssir laqgħa mal-perit inkarigat mill-*Masterplan* minħabba dawn l-*issues*.

11.4.4 Is-Sinjura Juliet Attard ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill illi Triq ir-Rabat, mill-Knisja tax-Xlendi 'l isfel, tinsab fi stat ħażin ħafna. Is-Sindku infurmaha li din mhix fil-*Masterplan* tax-Xlendi iżda jekk il-Kunsill iwassalha għall-attenzjoni tal-Ministeru għal Għawdex tista' tiġi inkluża. Is-Sinjura Attard semmiet ukoll li l-problema qiegħda wkoll fin-niżla, fil-wied li jwasslek għal Għajn Tuta. Is-Sindku infurmaha li dan il-punt għandu jiġi diskuss fid-diskussjonijiet li jsiru dwar il-*Masterplan*.

**11.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

11.5.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi t-terminu ta' 90 ġurnata tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv preżenti, is-Sa Kimberly Spiteri, jittermina fid-9 ta' April 2020. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill għall-estenzjoni ta' din il-ħatra.
Kien hemm qbil unanimu.

11.5.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-formola u l-proċedura relatata mal-ilmenti li jirċievi l-Kunsill minħabba li trid tiġi aġġornata, hekk kif ippreparati mid-*Data Protection Officer*. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv talbet għall-approvazzjoni tal-*Private Policy*.
Kien hemm qbil unanimu.

11.5.3 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat id-dokument maħruġ mill-Malta Competition and Consumers Affairs Authority (MCCAA) bit-tema 'Launch of Public Enquiry' li l-Kunsill irċieva mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Il-Kunsill ġie mitlub sabiex janalizza d-*draft document* mehmuż bit-tema 'Public Playgrounds – Requirements for Public Playgrounds Safety, Accessibility, Play-Value and their Management' u jagħmel suġġerimenti/kummenti kif indikat mis-Senior Engineer, Standardization Directorate, Standards and Metrology Institute (MCCAA). Id-data tal-għeluq ta' din il-*public enquiry* hija l-1 ta' Ġunju 2020.

11.5.4 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat 'Risk Assessment – Use of Chainsaw, Angle Grinder & Grass Cutter' hekk kif ippreparat minn Galea Curmi Engineering Consultants Ltd minħabba li l-Kunsill ser jixtri dan l-apparat sabiex jintuża mill-ħaddiema tal-Kunsill għal xogħol ta' manutenzjoni. Is-Sindku rrimarka li l-iskop ta' dan ir-rapport huwa sabiex il-ħaddiema jkunu *insured* u jkun issalvagwardjat kollox filwaqt li l-ħaddiema jkollhom l-għodda meħtieġa.
Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jimxi mar-rapport.

11.5.5 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-applikazzjoni tal-Kunsill għall-iskema 'Achivers' fejn il-Kunsill applika għal fondi għall-attività 'Festa Tfal 2020' ma ġietx aċċettata; l-attività li *club* assoċjat mal-Malta Triatlon Federation xtaq jorganizza fix-Xlendi li tikkonsisti f'għawm, ċikliżmu u ġiri fid-19 ta' April 2020 ser tiġi *rescheduled* minħabba ċ-ċirkustanzi tal-Corona Virus (Covid-19); ġie ffirmat il-kuntratt bejn il-Kunsill Lokali Il-Munxar u l-HSBC Bank Malta plc sabiex il-Bank jikri l-kamra/*kiosk* fil-*Parking* ta' Pjazza l-Anfori, Ix-Xlendi sabiex tintuża bħala ATM; il-Kunsill ġie infurmat minn Transport Malta li dik il-kaxxa għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilità fi Triq ir-Ranċiż, li kienet qiegħda tostakola bieb ta' garaxx, saret hemm bi żball u għaldaqstant ser issir aktar 'l isfel fit-triq fejn suppost saret oriġinarjament; ġie ffirmat il-kuntratt tal-*bulky refuse* skont tender MXR/03/2019 u f'dawn il-ġranet li ġejjin ser jiġu ffirmati wkoll il-kuntratti tal-ġbir ta' skart domestiku skont *tender* MXR/04/2019 u *general road works* skont *tender* MXR/05/2019 mal-kuntratturi rispettivi tagħhom u l-kuntratt tal-*organic waste* mal-Wasteserv.

**11.6 Korrispondenza, ilmenti u rapporti**

11.6.1 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 03/2020 mingħand id-Direttur (Gvern Lokali - Monitoraġġ u Sapport), Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett '*Microsoft Teams ®*'.

11.6.2 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 04/2020 mingħand id-Direttur (Gvern Lokali - Monitoraġġ u Sapport), Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Allokazzjoni Finanzjarja – Ring-Fencing'.

11.6.3 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 2020/014 mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward 'Kalendarju t'Attivitajiet - AKL', fejn qed jitwassal dan il-kalendarju sabiex wieħed iżomm id-data libera għal dawk l-attivitajiet li jkun jixtieq jattendi.

11.6.4 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 2020/015 mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward 'Guidance on Coronavirus - OHSA', fejn qed titwassal *e-mail* mingħand il-Union Ħaddiema Magħqudin b'mehmuż dokument maħruġ mill-Occupational Health & Safety Authority (OHSA) bit-tema 'Guidance about the Coronavirus (2019-nCoV) and Workplaces'.

11.6.5 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 2020/016 mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali fejn qed jitwasslu l-Minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali Numru 29.

11.6.6 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 2020/017 mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward 'Sessjoni Informattiva - l-Ambjent', fil-11 ta' Marzu 2020 fis-sala ta' din l-Assoċjazzjoni. Din hija l-ewwel mis-sensiela ta' laqgħat iffukati fuq kull dekasteru li għandu kull kunsillier.

11.6.7 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 2020/018 mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward Mater Dei Hospital – Health & Fitness Day 2020', fejn qed titwassal korrispondenza mingħand l-Employee Health & Well Being fl-Isptar Mater Dei rigward dan l-*event* fid-19 ta' April 2020.

11.6.8 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 2020/019 mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward 'COVID-19 tqassim ta' maskli u ingwanti disponibbli mill-AKL'. L-Assoċjazzjoni ser tqassam kaxxa (100) *disposable gloves* u 5 maskli bil-filtru f'kull Kunsill Lokali u Reġjonali bħala turija ta' apprezzament u rispett lejn il-ħaddiema u ta' darba. Filwaqt li l-Kunsilli huma mħeġġa u mistennija li jipprovdu kull materjal meħtieġ lill-ħaddiema, minn-naħa tal-ħaddiema għandhom jimxu u jsegwu mad-direttivi maħruġa mill-awtoritajiet tas-saħħa.

11.6.9 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 2020/020 mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward 'Laqgħat u Sessjonijiet ta' informazzjoni – Prekawzjonijiet f'dan il-perjodu li għaddejjin minnu'. Il-Kunsill ġie infurmat illi l-laqgħat ta' informazzjoni ta' kull xahar mal-Kunsilliera dwar id-dekasteri ser isiru fid-data u l-ħin skedat, minbarra l-laqgħa dwar l-Ambjent li ser tkun qed titmexxa għal data oħra, iżda flok fl-uffiċini tal-Assoċjazzjoni ser isiru *live streamed*.

11.6.10 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 2020/021 mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward 'Seduti tal-Kunsilli Lokali'. Il-Kunsill ġie infurmat illi l-Ministru tas-Saħħa kkonferma illi s'issa huwa sigur li jinżammu seduti tal-Kunsill Lokali. Għaldaqstant, dawn għandhom isiru b'mod normali filwaqt li jittieħdu l-miżuri diġà mħabbra mill-Awtorità tas-Saħħa. L-Assoċjazzjoni ttenni li Kunsilliera li jħossuhom ma jifilħux m'għandhomx jattendu u jitolbu li jkunu skużati.

11.6.11 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 2020/022 mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward 'Rakkomandazzjonijiet għall-Kunsilli Lokali f'dan il-perjodu'. L-Assoċjazzjoni elenkat diversi miżuri li qed tirrakkomanda u anness kien hemm *post,* bit-tema 'Keeping You Safe', li tista' tintuża fuq *facebook* sabiex idealment ikun hemm uniformità bejn il-Kunsilli Lokali kollha u l-messaġġ jasal aħjar.

11.6.12 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 2020/023 mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward 'Rakkomandazzjonijiet mill-AKL' fejn qed titwassal lista ta' rakkomandazzjonijiet li ġew maqbula bejn il-Membri tal-Eżekuttiv tal-AKL wara laqgħa tal-Eżekuttiv.

11.6.13 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 2020/023 mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward 'Facebook – YouSafe SOS'. L-Assoċjazzjoni qed taħdem fuq pjattaforma sabiex fl-eventwalità ta' *lockdown* Nazzjonali tkun tista' tibqa' għaddejja l-komunikazzjoni bejn il-Kunsilli Lokali u r-residenti u tagħti ċ-ċans illi l-ħaddiema jkunu jistgħu jaħdmu mid-dar. Mehmuż kien hemm dokument sabiex persuna tifhem aħjar kif ser taħdem u titħaddem din is-sistema.

11.6.14 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 2020/024 mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward 'Important Notice Regarding Submission of Health Claims – COVID-19', fejn qed titwassal *e-mail* mingħand kumpanija tal-*insurance* bil-*guidelines* ta' kif għandhom isiru l-*claims* issa li l-uffiċini tagħhom ser ikunu magħluqa għall-pubbliku.

11.6.15 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 2020/024 mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward 'LIFE Calls for Proposals 2020', fejn qed titwassal *e-mail* mingħand il-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima b'aktar informazzjoni dwar LIFE Call for 2020 bit-tema 'Investing in a Greener Future'.

11.6.16 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 2020/025 mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward 'Estenzjoni ta' *deadline* biex jiġu sottomessi l-*Audited Accounts'*. Il-Kunsill ġie informat illi l-Awditur Ġenerali laqa' r-rikjesta li saret mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u żmien li fih jiġu sottomessi l-*audited accounts* ġie estiż b'erba' ġimgħat minħabba ċ-ċirkustanzi ta' bħalissa.

11.6.17 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 2020/026 mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward 'Commission of Gender Based Violence & Domestic Violence Annual Report', fejn qed jitwassal dan ir-rapport annwali għas-sena 2019 mibgħut minn din il-Kummissjoni.

11.6.18 Il-Kunsill irċieva *e-mail* u *information circulars* mingħand il-Foundation for Social Welfare Services rigward 'Mayors Local Councils – Fund Opportunity Knocks – OK Project'. L-għan ewlieni ta' dan il-proġett hu li jtejjeb il-*wellbeing* taż-żgħażagħ ta' età bejn it-tlettax u l-ħamsa u għoxrin sena li huma f'riskju ta' *social exclusion* u jerġgħu jintegraw lura fis-soċjetà. Ingħatat aktar informazzjoni fuq dan il-proġett u l-Kunsill intalab jiltaqa' magħhom f'laqgħa fejn dan il-proġett jiġi spejgat aħjar.

11.6.19 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Ministeru għal Għawdex rigward il-'Gozo Alive - Stedina'. Huwa ppjanat li l-'Gozo Alive' jsir bejn il-5 u 7 ta' Ġunju 2020. Il-Kunsill ġie mitlub jipproponi mill-anqas avveniment wieħed li jista' jiġi inkluż fil-programm u ġiet elenkata lista ta' fatturi importanti li l-Kunsill irid jieħu ħsieb. Il-Kunsill bagħat lill-Ministeru għal Għawdex fejn infurmah li huwa interessat li jieħu sehem u li ser ikun qed jinvolvi l-għaqdiet tar-raħal.

11.6.20 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Reġjun Għawdex rigward 'Ittri lill-Ministru tas-Saħħa u Chairman Gozo Channel re: Covid-19'. Huwa qed jibgħat kopja tal-ittri li ntbagħtu kemm lill-Ministru għas-Saħħa flimkien mas-Superintendent tas-Saħħa Pubblika u d-Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard kif ukoll lis-CEO tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, u liċ-*Chairman* tal-Kumpanija Gozo Channel għall-attenzjoni tal-Kunsill sabiex il-Kunsill ikun jaf ukoll il-pożizzjoni tar-Reġjun Għawdex f'dan ir-rigward.

11.6.21 Il-Kunsill irċieva żewġ *e-mails* mingħand id-Direttur, Gvern Lokali (Monitoraġġ u Sapport), Diviżjoni għall-Gvern Lokali rigward 'Informazzjoni u Gwidi dwar COVID-19'. Fl-ewwel *e-mail* huwa bagħat lill-Kunsill diversi dokumenti u *links* importanti. Fit-tieni *e-mail* huwa tkellem dwar fl-eventwalità li jkun hemm il-bżonn li tittieħed xi miżura ta' prekawzjoni u fl-eventwalità li jkun hemm il-bżonn li b'mod urġenti jinxtraw xi materjal biex tittieħed din il-miżura. Il-Kunsill għandu jieħu l-prekawzjonijiet kollha neċessarji li jidhirlu li huma xierqa biex jissalvagwardja l-ħaddiema kollha tal-Kunsill u n-nies li jiffrekwentaw l-uffiċini mingħajr ma jitwaqqfu s-servizzi statutorji. Huwa ħeġġeġ lill-Kunsill sabiex ikompli jsegwi kull żvilupp u struzzjonijiet li jiġu komunikati minn ħin għall-ieħor minn dan id-Direttorat jew sorsi uffiċjali.

11.6.22 Il-Kunsill irċieva żewġ *e-mails* mingħand id-Direttur, Gvern Lokali (Monitoraġġ u Sapport), Diviżjoni għall-Gvern Lokali rigward 'Open Markets in Villages'. Fl-ewwel *e-mail* huwa bagħat *link* tal-Avviż Legali 76 tal-2020 li fih is-Superintendent tas-Saħħa Pubblika qiegħda tordna l-għeluq ta' bosta stabbilimenti fosthom is-swieq fil-beraħ. Dan il-pass lejn għeluq tas-swieq fil-beraħ huwa parti mill-azzjoni meħuda mill-Gvern bħal għeluq taċ-*cinemas*, avvenimenti tal-massa eċċ. fid-dawl taċ-ċirkustanzi li l-pajjiż għaddej minnhom bħalissa. Il-Kunsill ġie mitlub sabiex iġib dan l-avviż legali għall-informazzjoni u attenzjoni tal-pubbliku b'kull mezz possibbli. Fit-tieni *e-mail* ġie kjarifikat li s-swieq fil-beraħ kollha għandhom jingħalqu inkluż 'posti li jbigħu prodotti tal-ikel'.

11.6.23 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand żewġ persuni rigward 'Helping Gozo, a private, non-profit initiative'. Huma taw aktar informazzjoni dwar dan il-*group* fuq *facebook* bl-isem ta' 'Helping Gozo'. Dan il-*group* jiġbor fih nies li jkunu lesti li jgħinu lill-oħrajn fi żmien ta' kriżi billi, fost oħrajn, iwasslulhom ix-xirja u mediċini. Il-Kunsill ġie mitlub iwassal il-kuntatti ta' dan il-*group* lin-nies fil-bżonn tar-raħal.

11.6.24 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Monitoraġġ u Sapport, Diviżjoni għall-Gvern Lokali rigward 'Initiative for people who are on their own', fejn qed titwassal *e-mail* mingħand NGO magħmula minn żgħażagħ li bdew inizjattiva minħabba s-sitwazzjoni Covid-19 billi *group* ta' nies jagħmlu telefonata kull ġurnata lil min iħossu jew jgħix waħdu f'dan iż-żmien.

11.6.25 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Monitoraġġ u Sapport, Diviżjoni għall-Gvern Lokali fejn qed titwassal *e-mail* mingħand il-MEAE (Ministry for European Affairs and Equality) b'mehmuż *P&SD Circular No 5 re: Monetary Leave Fund* maħruġa fil-25 ta' Marzu 2020 mill-People & Standards Division, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Id-Direttur Ġenerali, Diviżjoni għall-Gvern Lokali informa lill-Kunsilli illi donazzjonijiet ta' *leave* magħmul mis-Segretarji Eżekuttivi huwa importanti li l-Human Resources Department ikun infurmat bih.

11.6.26 Il-Kunsill irċieva Direttiva Numru 02/2020 mingħand id-Direttur (Gvern Lokali - Monitoraġġ u Sapport), Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Corona Virus (COVID-19)'.
Il-Kunsill ħa nota ta' din.

11.6.27 Il-Kunsill irċieva mingħand it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar - Avviż ta' Smigħ fir-rigward tal-permess tad-demmiela. Wara ġie infurmat li s-seduta ġiet imħassra stante ċirkustanzi straordinarji mhux fil-kontroll ta' dan it-Tribunal u li l-bord li kien instema' l-każ quddiemu ġie xolt u issa hemm bord ieħor b'membri differenti. Il-Kunsill ġie mitlub jinforma lil dan it-Tribunal jekk l-appell ikkonċernat għandux jibqa' għad-deċiżjoni fejn jiġi deċiż mit-Tribunal kif preżentament kompost jew jerġa' jinstema' mill-ġdid minn dan it-Tribunal kif issa kompost. Dan l-*item* diġà ġie diskuss u maqbul fir-Rapport tas-Sindku ta' dawn l-istess Minuti.

11.6.28 Il-Kunsill irċieva lment mingħand resident fi Pjazza l-Anfori fejn qed jitlob sabiex issir manutenzjoni tal-bankina u t-tabella ta' 'No Entry' li hemm fuq il-bankina ma tibqax fuq arblu imma titwaħħal ma' ħajt minħabba li qiegħda tkun ta' ostakolu għal min ikun għaddej minn fuq il-bankina. Il-Kunsill qabel li l-manutenzjoni tal-bankina ssir u dwar it-tabella, għalkemm skont il-*Masterplan* tax-Xlendi dik it-tabella mhux ser jibqa' bżonnha hemm minħabba li t-triq mhux ser tibqa' *no entry*, il-Kunsill ser jara fejn tista' teħel u fl-istess waqt tibqa' tidher.

11.6.29 Il-Kunsill irċieva komunikat mill-Ministru responsabbli mill-Gvern Lokali bir-referenza 1/2020. B'referenza għas-sitwazzjoni preżenti dwar Covid-19 qegħdin jingħataw linji gwida dwar: Swieq fil-beraħ, Servizzi kuntrattwali mill-Kunsilli Lokali, Bereġ, *Day Care Centres*, Servizzi mhux stratutorji u Tribunali Lokali.
Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

11.6.30 Il-Kunsill irċieva mingħand ir-Reġjun Għawdex komunikat dwar l-'Iffirmar u aktar tagħrif dwar il-provvediment ta' Servizzi Soċjali u tal-Familja fil-Lokalità', b'rabta mal-*Memorandum of Understanding* (MoU) iffirmat bejn ir-Reġjun Għawdex u l-Fundazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali. Ġie ppreċiżat li dawn is-servizzi jingħataw fil-lokalità biss kemm-il darba jkun hemm residenti mil-lokalità rispettiva li jirrikorru għal dawn is-servizzi fuq rakkomandazzjoni tas-*Social Workers* l-ewwel u wara li jinstab li dawn ikunu jinħtieġu servizz partikulari kif ukoll li jaċċettaw li jinqdew mil-lokalità rispettiva u mhux minn xi mkien ieħor. Huwa bagħat lista ta' servizzi diġà offruti minn din il-Fundazzjoni f'Għawdex. Huwa fakkar li r-Reġjun ser jirrifondi sa massimu ta' €1,000 fis-sena l-ispejjeż relatati mal-għoti ta' dawn is-servizzi u ħabbar li fil-ġranet li ġejjin ser jintbagħtu l-inviti b'rabta mal-avveniment tal-iffirmar tal-MoU għas-Sindku, il-Kunsillier responsabbli mid-dekasteru tal-Qasam Soċjali u s-Segretarju Eżekuttiv.
Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

11.6.31 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Direttur Ġenerali, Strategy & Support Division tal-Ministeru għal Għawdex fejn qed tintalab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex dik il-kamra li l-Kunsill għandu faċċata tad-*dry standing area* fix-Xlendi tibda tintuża mill-Ministeru għal Għawdex bħala uffiċċju għall-bżonnijiet tas-sajjieda tax-Xlendi.
Dan l-*item* diġà ġie diskuss u maqbul fir-Rapport tas-Sindku ta' dawn l-istess Minuti.

11.6.32 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Reġjun Għawdex rigward 'Mudell tal-Automated External Defibrillator (AED) lil kull Kunsill Lokali ta' Għawdex'. Huwa spjega ftit dwar dan l-AED li ser jingħata lill-Kunsilli Lokali u lill-*Hamlets* u kull Kunsill Lokali ġie mitlub jindika jekk l-AED li jixtieq li jiġi installat fil-lokalità tiegħu huwiex *wall-mounted* jew bil-pedestal. Għall-pedestal hemm spejjeż addizzjonali li jridu jitħallsu mill-Kunsill.
Il-Kunsill diġà informa lir-Reġjun Għawdex li jixtieq li l-AED għall-Munxar u għax-Xlendi jkunu *wall-mounted*.

11.6.33 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand persuna li tagħmel lezzjonijiet tal-ħjata fi ħdan id-Directorate for Lifelong Learning. Peress li t-*timetable* għas-sena skolastika li tibda f'Ottubru 2020 qed issir bħalissa, qiegħda tħeġġeġ lill-Kunsill li jekk għandu l-post u l-interess li jorganizza dawn il-lezzjonijiet fil-lokalità kull ma jrid jagħmel huwa li japplika ma' dan id-Direttorat.
Il-Kunsill diġà applika.

11.6.34 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-persuna inkarigata mill-organizzazzjoni taċ-*Chair Yoga* għall-Anzjani fejn ikkonfermat illi lesta tagħmel għaxar sessjonijiet fiċ-Ċentru Parrokkjali – Il-Munxar, jibdew fl-1 t'April 2020 u jsiru kull nhar ta' Erbgħa bejn l-10 u l-11 ta' filgħodu għall-prezz ta' €15 kull sessjoni. F'kull sessjoni tiġbor il-firem u tibgħathom mal-*invoice* kull l-aħħar tax-xahar. Il-Kunsill irċieva *e-mail* oħra mingħand din l-istess persuna fejn staqsiet jekk il-Kunsill hux bil-ħsieb li jibda dawn is-sessjonijiet skont kif kien maqbul jew, kif qed tissuġġerixxi hija, dawn is-sessjonijiet jiġu posposti sakemm tgħaddi din is-sitwazzjoni ta' mard li ninsabu fiha preżentament. Hija ħabbret ukoll illi qiegħda taħdem sabiex tagħmel *video* li fih juri *Chair Yoga* sabiex jiġi *shared* u n-nies ikunu jistgħu jagħmlu dan l-eżerċizzju d-dar. Għall-Kunsill dan ser ikun *uploaded* bla ħlas.
Kien hemm qbil dwar dan.

11.6.35 Il-Kunsill reġa' rċieva *e-mail* bir-ritratti ta' *caravan* abbandunat fi Triq il-Kantra.
Dan il-*caravan* diġà tneħħa.

11.6.36 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Pulizija ta' Għawdex fejn qed jitwassal ilment ta' persuna li fi Triq Ras il-Bajjada hemm vettura pparkjata fil-kantuniera u qed tostakolah milli jkun jista' jgħaddi bil-vettura tiegħu. Il-Pulizija marret fuq il-post u rriżultalha li minkejja li parti mid-daħla kienet magħluqa kien hemm spazju sabiex tgħaddi vettura għal ġol-isqaq u għalhekk ma kienx hemm lok li din il-vettura tiġi ttowjata. Peress li ġie osservat illi s-sinjali dobblu u singlu mpittra fl-art huma bojod u bil-kemm jidhru fis-satra tal-lejl, qed jiġi ssuġġerit li jinżebgħu sofor ħalli l-projbizzjoni ta' pparkjar tkun indikata sew u b'hekk jiġu evitati argumenti simili u l-Pulizija tkun tista' taġixxi.
Ġie deċiż li ssir spezzjoni fiż-żona sabiex il-Kunsill jifhem aħjar is-sitwazzjoni u eventwalment tkun tista' tiġi diskussa ma' Transport Malta sabiex tieħu azzjoni.

11.6.37 Il-Kunsill irċieva lment mingħand avukat li qed jikteb għan-nom ta' persuna b'diżabilità sabiex il-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilità li hemm quddiem ir-residenza tagħha fi Triq ir-Ranċiż jinżeba' bil-kulur isfar minħabba li ż-żebgħa s-safra tal-kaxxa fl-art ma għadhiex tidher u konsegwenza ta' hekk jipparkjaw min mhux suppost. Huwa qed jitlob, għan-nom ta' persuni b'diżabilità oħrajn, sabiex jiżdiedu aktar parkeġġi simili kemm fl-istess triq kif ukoll fix-Xlendi kollu.
Ġie deċiż li dan l-ilment jgħaddi għand ir-Roads Section fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex sabiex il-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilità li ma għadux jidher ċar jinżeba'. Fl-aħħar ġimgħat fl-istess triq diġà kien inżeba' parkeġġ riservat ieħor għall-persuni b'diżabilità.

11.6.38 Il-Kunsill irċieva lment dwar bankina fi Triq il-Ġostra sabiex titbaxxa għal-livell tal-garaxx u tiġi eliminata r-rampa.
Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol għandu jsir.

11.6.39 Il-Kunsill irċieva talba sabiex issir bozza mal-ħajt fi Triq il-Biżantini. Min għamel it-talba qed jgħid li s-sid ta' fejn qed jiġi mitlub li ssir din il-bozza jaċċetta li din issir ma' proprjetà tiegħu.
Il-Kunsill ser ikellem lill-inġinier sabiex jara fejn hu possibbli li titwaħħal, imbagħad is-sid jinforma lill-Kunsill jekk jaċċettax li din titwaħħal.

11.6.40 Il-Kunsill irċieva lment illi hemm toqba fit-tarmak fi Pjazza l-Anfori. Sabiex titranġa għandha bżonn biss ta' nofs xkora materjal.
Din it-toqba diġà tranġat.

11.6.41 Il-Kunsill irċieva talba sabiex meta l-Kunsill ikollu ċans u ħaddiema tinbidel it-tabella fuq arblu li tindika *blue badge parking* maġenb iż-żewġ parkeġġi riservati għall-persuni b'diżabilità fil-*Parking* ta' Triq San Xmun minħabba li ma għadhiex tidher ċara.
Dan ix-xogħol ser isir.

11.6.42 Il-Kunsill irċieva talba sabiex bankina quddiem residenza fi Triq ir-Ranċiż titranġa minħabba li hija perikoluża.
Peress li l-problema ta' din il-bankina hija li minħabba li qiegħda 'l fuq minn ta' maġenbha u hija mżerżqa tista' tkun il-kaġun li bnieden, speċjalment anzjan, jiżloq u għaldaqstant din il-bankina ser titranġa.

11.6.43 Il-Kunsill irċieva lment mingħand sid ta' *flat* fi Triq Sant'Indrija minħabba li l-bankina ta' quddiem il-proprjetà tagħha taqleb l-ilma għal ġol-*garage* u għaldaqstant meta tagħmel ix-xita l-*garage* jiġi *flooded* u ssir ħafna ħsara. Hija lmentat ukoll dwar l-arblu tad-dawl li hemm quddiem il-*garage* u li qed jimblokka l-entratura. Peress li din tkun trid tgħaddi dgħajsa għandha bżonn rampa u mhux bankina.
Rigward il-problema tal-qlib tal-bankina, il-kwestjoni tal-ilma u r-rampa l-Kunsill għandu jieħu l-parir tal-perit sabiex jara x'jista' jsir u rigward l-arblu tad-dawl il-Kunsill irid jikkorrispondi mal-Inġinier tal-Ministeru għal Għawdex u naraw ir-raġuni għaliex ser jitneħħa u jekk tkun raġuni valida, tiġi kkunsidrata.

11.6.44 Il-Kunsill irċieva dwar opportunità ta' fondi tal-Unjoni Ewropea f'investimenti mhux produttivi, bħal restawr ta' ħitan tas-sejjieħ, li tagħlaq fit-30 ta' April 2020. Il-Kunsill qabel li japplika iżda trid tiġi identifikata *area* u tiddaħħal fil-lista ta' dawk l-*items* li ser jiġu diskussi fil-laqgħa mal-perit. Is-Sur Mark Busuttil staqsa dwar it-Torri u identifika l-ħitan tas-sejjieħ fil-passaġġ li jieħu għat-Torri. Is-Sindku infurmah illi hemm applikazzjoni għad-daħla ta' fuq. Is-Sindku infurmah ukoll illi l-ERA infurmat lill-Kunsill li sabiex il-Kunsill jgħaddi minn Triq ix-Xadba jrid jinġieb *nature permit*. Il-Kunsill qed jikkorrispondi mal-perit sabiex jinġieb in-*nature permit*. Il-Kunsill qed jaħdem mal-kuntrattur u mal-Awtorità responsabbli mill-fondi sabiex jiġu estiżi l-kuntratti. Saret ukoll laqgħa bejn is-Sindku, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv, il-perit, l-inġiniera, ir-Rappreżentant ta' Wirt Għawdex u l-persuna li tieħu ħsieb it-*tendering* tat-Torri sabiex nibdew naħdmu u niffinalizzaw il-*bill of quantities* tax-xogħlijiet ta' ġewwa biex meta l-*paperwork* tax-xogħlijiet ikun lest ikunu jistgħu joħorġu t-*tendering* tax-xogħlijiet ta' ġewwa. Il-Kunsill diġà għandu t-*tender* tar-restawr minn barra, għalkemm jinsab imwaħħal minħabba burokrazija, issa baqa' t-*tendering* tar-restawr minn ġewwa. Dwar ħitan tas-sejjieħ fi Triq ix-Xadba diġà hemm applikazzjoni pendenti. Is-Sindku semma illi barra din l-applikazzjoni hemm applikazzjoni tal-Gozo Action Group Foundation (GAGF) li d-*deadline* tagħha dejjem jiġi estiż. Is-Sindku semma dwar dik l-*area* ta' Triq l-Isqawi fejn hemm is-siġar tal-Palm li hija mitluqa ħafna. Irid jiġi kkunsidrat x'*budget* hemm u tittieħed gwida mingħand il-perit. Is-Sindku stieden lill-Kunsilliera sabiex jidentifikaw xi ħitan tas-sejjieħ. Is-Sa Carmela Parnis identifikat ħitan tas-sejjieħ fi Triq Ras il-Bajjada iżda s-Sindku infurmaha li għal dawk ta' Triq Ras il-Bajjada u Triq Ta' Marżiena hemm proġett tal-Ministeru għal Għawdex u li ser isiru. Is-Sindku reġa' semma li l-Ministeru għal Għawdex kellu jibda ħajt tas-sejjieħ ta' fejn il-Wied tax-Xlendi.

11.6.45 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Gozo Action Group Foundaiton rigward 'GAG4 – Rejuvenating Gozo – Pre Call & Information Session'. Peress li l-*budget* allokat taħt din il-*Measure* ma kienx intlaħaq din il-*call* ħarġet kemm-il darba, b'aħħar data tal-għeluq kienet fis-26 ta' Marzu 2020, u ser tibqa' toħroġ sakemm jibqa' fondi *available*.
Il-Kunsill ma applikax.

11.6.46 Il-Kunsill irċieva talba għall-ħamsin *bricks* aħmar għall-bankina fi Triq Kolaċi wara li l-Ministeru għal Għawdex bagħat lill-persuna li għamlet it-talba fil-Kunsill sabiex it-talba ssir minn hemm.
Is-Sindku tkellem mal-persuna li għamlet it-talba sabiex issir il-manutenzjoni iżda ġie infurmat li, għalkemm il-persuna ma ngħatatx *bricks*, il-bankina tranġat.

11.6.47 Il-Kunsill irċieva lment li hemm *bollard* tal-ġebel fi Triq San Xmun li għandu xaqq u hemm bżonn li jiġi ċċekkjat minn perit għax jekk jolqtu xi *truck* imur għal isfel bħalma għamel ta' ħdejh.
Il-Kunsill diġà għamel it-talba lill-Ministeru għal Għawdex iżda dan il-*bollard* għadu ma tranġax.

11.6.48 Il-Kunsill irċieva lment li hemm parti mill-ħajt tas-sejjieħ fi Triq Ras il-Bajjada mwaqqa'.
Il-Kunsill diġà għamel it-talba għall-bini ta' dan il-ħajt lill-Ministeru għal Għawdex u fil-fatt ix-xogħol jinsab għaddej u daqt ikun lest.

11.6.49 Ġew ippreżentati r-rapporti amministrattivi tas-Sindku u ta' kull Kunsillier.
Is-Sindku fir-rapport tiegħu rrapporta dwar ir-responsabbiltajiet fdati lilu fil-qasam: tal-Infrastruttura, tal-Proġetti, tal-Komunitajiet, tal-I*sports* & Attivitajiet Fiżiċi u taż-Żgħażagħ & Tfal.
Is-Sa Carmela Parnis – Viċi Sindku fir-rapport tagħha rrapportat dwar ir-responsabbiltajiet fdati lilha fil-qasam: tal-Anzjani, tal-Indafa u tal-Manutenzjoni Ġenerali.
Is-Sur Mark Busuttil fir-rapport tiegħu rrapporta dwar ir-responsabbiltajiet fdati lilu fil-qasam: tax-Xlendi u tal-Qasam Soċjali.
Is-Sur Joseph Cauchi fir-rapport tiegħu rrapporta dwar ir-responsabbiltajiet fdati lilu fil-qasam: tal-Edukazzjoni, tal-Kultura u tal-Innovazzjoni.
Is-Sinjura Juliet Attard fir-rapport tagħha rrapportat dwar ir-responsabbiltajiet fdati lilha fil-qasam: tal-Ambjent, tal-Ħarsien tal-Annimali u tal-Integrazzjoni Soċjali.

**11.7 Il-Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv**

11.7.1 Il-Kunsill beda jiddiskuti dwar il-*Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku ppreżenta r-rapport u ġie deċiż li s-Segretarju Eżekuttiv jingħata *bonus* ta' 10% skont ir-regolamenti finanzjarja tal-Kunsilli Lokali. Dan ir-rapport tas-Segretarju Eżekuttiv ser jintbagħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-approvazzjoni.

**11.8 Approvazzjoni tal-Quarterly Report Ottubru-Diċembru 2019 (ir-raba' kwart)**

11.8.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat ir-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart tar-raba' kwart Jannar-Diċembru tas-sena finanzjarja 2019.
Il-Kunsill approva dan ir-rapport.

**11.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-ħlasijiet**

11.9.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-Iskeda tal-Ħlasijiet numru 11-2020(26_03_2020) li tkopri l-perjodu mill-25 ta' Frar 2020 sas-26 ta' Marzu 2020 għall-ammont totali ta' €23,100.94 għall-kunsiderazzjoni u approvazzjoni. Il-Proponent kien is-Sur Mark Busuttil - Kunsillier u s-Sekondat kienet is-Sa Carmela Parnis - Viċi Sindku.
Din l-iskeda tal-ħlasijiet ġiet approvata.

**11.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

11.10.1 Il-laqgħa aġġornat fis-7:10 ta' filgħaxija. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar l-Erbgħa, 22 ta' April 2020 fil-5:30 ta' filgħaxija iżda mbagħad il-Kunsill iddeċieda li jbiddel id-data għal nhar il-Ħamis, 30 ta' April 2020 fis-6:00 ta' filgħaxija.

Dawn il-Minuti ġew ippreparati mis-Sa Kimberly Spiteri, Deputat Segretarju Eżekuttiv.

**IFFIRMATA**

Ryan Debrincat
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-Minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Kunsill Nru 15/2020 - 8 li nżammet nhar il-Ħamis, 30 ta' April 2020.

**IFFIRMATA**

Damien Spiteri
Sindku